MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CARUANA DEMAJO GIANNINO

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1623/2001/1

**Ċitazzjoni 1623/2001**

**Dr Tanya Sammut għan-nom u in rappreżentanza ta'** ***Forestals (Appliances) Ltd***

***versus***

***Rickard Co. Ltd***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-konvenuta. Qiegħda titlob ukoll l-imgħax u l-ispejjeż ġudizzjarji.

B'nota ippreżentata llum is-soċjetà attriċi naqqset it-talba tagħha għal tlieta u tletin elf erba' mija u għoxrin lira u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm33,420.42), u l-konvenuta ammettiet it-talba kif imnaqqsa.

Għalhekk, wara li rat in-nota tat-tnaqqis tat-talba, u fuq ammissjoni tal-konvenuta, il-qorti taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' tlieta u tletin elf erba' mija u għoxrin lira u tnejn u erbgħin

ċenteżmu (Lm33,420.42) flimkien ma’ l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Connie Micallef
Dep. Reġ.